MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1137/2000/1

**Peter Farrugia**

**v.**

**Longinu Farrugia, Carmelo Farrugia, Anthony Farrugia, Tessie Farrugia, Lourdes Deguara, Spiridione Farrugia, Joseph Farrugia, Mary Bartolo u Catherine Busuttil u b'digriet tat-28 ta' Frar 2006 l-atti, in kwantu jirrigwardaw lil Joseph Farrugia li miet fil-mori tal-proceduri, gew trasfuzi f'isem Mark Farrugia u f'isem Lina Farugia bhala kuratrici tal-minuri Wayne Farrugia.**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**

B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru, 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi jinghad hekk:

"F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob ħlas ta' kumpens għal serviġi.

"Iċ-ċitazzjoni tgħid illi b'testment tal-5 ta' Frar 1997 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, John Mary Farrugia, li miet fil-15 ta' Marzu 1999, kien ħatar lill-partijiet bħala werrieta tiegħu. L-attur kien irrenda serviġi lil John Mary Farrugia matul ħajtu, u għalhekk, billi għandu jiġi likwidat kumpens li l-konvenuti għandhom iħallsuh, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-Qorti, wara li tgħid illi hu għandu jedd li jitħallas kumpens għas-serviġi illi huwa irrenda lil John Mary Farrugia, tillikwida l-ammont li għandu jitħallas u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma hekk likwidata flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż.

"Il-konvenuti Lonġino, Carmelo, Anthony, Spiridione u Joseph Farrugia ressqu l-eċċezzjoni illi l-konvenut ma irrendiex serviġi lil John Mary Farrugia.

"Il-konvenuti l-oħra baqgħu ma ressqux eċċezzjonijiet.

"Mix-xhieda ħareġ illi John Mary Farrugia, missier il-partijiet, kien joqgħod flimkien ma' bintu l-konvenuta Tereża Farrugia, li baqgħet xebba, u li kienet iddur bih. Tereża Farrugia, iżda, xehdet illi hi ma kinitx tasal biex tgħin lil missierha jinħasel, u dan kien jieħu ħsieb jagħmlu l-attur. Huwa għal dan illi l-attur qieħed jitlob ħlas.

"Il-konvenuti li ikkontestaw it-talba ta' l-attur igħidu illi dan ma hu minnu xejn; missierhom kien jiflaħ jieħu ħsieb tiegħu nnifsu sal-aħħar u ma kienx jeħtieġ lill-attur biex igħinu. Igħidu wkoll illi l-mejjet kien iħallas lil kull min jaqdih.

"Il-konvenuti li ikkontestaw il-kawża għandhom id-djar tagħhom, u ma kinux joqogħdu mal-mejjet, kif kienet

tagħmel oħthom Tereża li għalhekk hija l-aħjar xhud ta' x'kien jiġri fid-dar. Għal din ir-raġuni l-Qorti aktar kienet temmen ix-xhieda ta' Tereża Farrugia, u dik ta' l-attur li taqbel magħha, li ma kienx għax, wara li semgħethom jixhdu, ma hijiex għal kollox konvinta li tista' toqgħod fuqhom.

"Mix-xhieda ħareġ ukoll illi John Mary Farrugia kien iżomm *record* ta' kull nefqa li kien jagħmel, żgħira kemm tkun żgħira, u Tereża Farrugia ikkonfermat illi fil-fatt kien iżomm kollox f'reġistru li kien iżomm id-dar. Għalkemm intrabtet illi tippreżenta dan ir-reġistru, fil-fatt ipproduċiet dokument li jwassal biss sal-1978 u fih ħafna paġni mqaċċtin. Dan ikompli jħasseb ħażin lill-qorti, li ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni illi din ix-xhud qiegħda taħbi xi ħaġa.

"Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi aktar għandha toqgħod fuq ix-xhieda ta' dawk il-konvenuti li qegħdin jikkontestaw it-talba ta' l-attur, li xehdu illi l-attur aktar kien ifittex li jinqeda hu milli li jaqdi lil missieru, u illi missieru ftit li xejn kien isibu meta kien ikun jeħtieġ l-għajnuna tiegħu, u għalhekk aktar kien idur lejn xi ieħor minn uliedu milli lejn l-attur.

"Billi għalhekk fil-fehma tal-Qorti lill-attur ma seħħlux illi jagħmel prova konvinċenti tal-premessi tat-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni, dawk it-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu."

Dan premess dik il-Qorti ghaddiet biex cahdet it-talbiet attrici u kkundannat lill-attur ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

## L-APPELL TA' L-ATTUR

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata, u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-8 ta' Novembru, 2005 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici u cioe`:

(1) tiddikjara li huwa intitolat ghall-kumpens u hlas ghal servigi minnu rezi lill-mejjet John Mary Farrugia;

(2) tillikwida l-ammont ta’ kumpens dovut u;

(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

B’digriet tal-4 ta’ April, 2000 l-attur appellant gie ammess ghall-ghajnuna legali u gie assenjat bhala difensuri lil Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar.
Il-konvenuti Longino Farrugia, Carmelo Farrugia, Anthony Farrugia, Spiridione Farrugia, Mark Farrugia u Lina Farugia bhala kuratrici tal-minuri Wayne Farrugia intavolaw risposta datata 23 ta’ Ottubru 2006, ghall-appell ta’ l-attur fejn fost affarijiet ohra rrilevaw li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li kkunsidrat x-xhieda li giet imressqa quddiemha *viva voce* u li s-sentenza tikkonsisti unikament f’apprezzament tal-fatti li gew esposti lill-Qorti mill-partijiet, u l-Qorti sabet li l-verzjoni tal-esponenti kienet aktar kredibbli minn dik ta’ l-appellant Peter Farrugia – konsegwentement din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Qorti ta’ l-ewwel grad.

Il-konvenuti l-ohra appellati ma pprezentaw ebda risposta.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>:**

Din hija kawza fejn l-attur, li jigi hu l-konvenuti, kollha ulied il-mejjet John Mary Farrugia, qed jallega li huwa kien ippresta servigi lill-mejjet missieru u ta’ dawn qed jippretendi kumpens. Il-konvenuti, hlief Teresa Farrugia li kienet tiehu hsieb missierha regolarment billi kienet xebba u tghix mieghu, jikkontestaw dak li qed jigi allegat mill-attur billi jsostnu li missierhom kien jinsab fi stat li jiehu hsieb tieghu innifsu sakemm gie biex miet.

Jidher li hemm hafna attrit bejn il-konvenuti, partikolarment is-subien ahwa Farrugia, u l-attur, u dan jidher partikolarment mid-diversi kawzi li gew istitwiti wara l-mewt tal-missier u anke bil-mod kif xehdu f'din il-kawza. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti u hadet ukoll in konsiderazzjoni xi dokumenti, partikolarment il-*ledger* tad-*decujus* li minnu jirrizultaw xi pagni neqsin, hasset li kellha aktar temmen il-verzjoni tal-konvenuti milli dik tal-attur u b'hekk waslet ghall-konkluzzjoni li "*l-attur ma sehhlux illi jaghmel prova konvincenti tal-premessi tat-talbiet maghmula fic-citazzjoni*"; konsegwentement dawk it-talbiet *"ma jistghux jintlaqghu.*"

Biex waslet ghal din il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti ragunament:
"Il-konvenuti li ikkontestaw il-kawża għandhom id-djar tagħhom, u ma kinux joqogħdu mal-mejjet, kif kienet tagħmel oħthom Tereża li għalhekk hija l-aħjar xhud ta' x'kien jiġri fid-dar. Għal din ir-raġuni l-Qorti aktar kienet temmen ix-xiehda ta' Tereża Farrugia, u dik ta' l-attur li taqbel magħha, li ma kienx għax, wara li semgħethom jixhdu, ma hijiex għal kollox konvinta li tista' toqgħod fuqhom.

"Mix-xiehda ħareġ ukoll illi John Mary Farrugia kien iżomm *record* ta' kull nefqa li kien jagħmel, żgħira kemm tkun żgħira, u Tereża Farrugia ikkonfermat illi fil-fatt kien iżomm kollox f'reġistru li kien iżomm id-dar. Għalkemm intrabtet illi tippreżenta dan ir-reġistru, fil-fatt ipproduċiet dokument li jwassal biss sal-1978 u fih ħafna paġni mqaċċtin. Dan ikompli jħasseb ħażin lill-qorti, li ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni illi din ix-xhud qiegħda taħbi xi ħaġa.

"Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi aktar għandha toqgħod fuq ix-xhieda ta' dawk il-konvenuti li qegħdin jikkontestaw it-talba ta' l-attur, li xehdu illi l-attur aktar kien ifittex li jinqeda hu milli li jaqdi lil missieru, u illi missieru ftit li xejn kien isibu meta kien ikun jeħtieġ l-għajnuna tiegħu, u għalhekk aktar kien idur lejn xi ieħor minn uliedu milli lejn l-attur."

Jidher ghalhekk li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' l-attur u il-konvenuta Teresa Farrugia billi, wara li semghethom jixhdu, kif qalet "*ma hijiex għal kollox konvinta li tista' toqgħod fuqhom"*. *Inoltre* l-istess Qorti kienet imhassba mill-fatt li r-registru tad-*decujus*, li ezebiet l-istess Teresa Farrugia, kien fih diversi pagni neqsin.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>:**

L-aggravju tal-attur appellant kontra s-sentenza riportata huwa bazikament wiehed, u cioe` dak dwar l-apprezzament ta' provi, billi qed jinghad li l-ewwel Qorti mhux biss ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti izda naqset li tikkonsidera certa provi li ngiebu in sostenn tat-tezi tieghu. Infatti fir-rikors ta' l-appell jissemmew Catherine Busuttil, Mary Bartolo, Lourdes Zahra u ohrajn li allegatament jissostanzjaw it-tezi attrici.

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

Huwa minnu, kif rilevat minn uhud mill-konvenuti appellati fir-risposta taghhom, illi "*huwa principju ben assodat illi l-Qorti ta' l-Appell kemm jista' jkun ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Qorti ta' grad inferjuri*", biss dak l-apprezzament xorta wahda jrid isir minn din il-Qorti u jekk jirrizulta li bil-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ser issir ingustizzja, ma hemm xejn li ghandu jxekkel lil din il-Qorti li tasal ghal konkluzjoni differenti.

Jidher li l-kwistjoni kollha hija marbuta mas-sahha ta' missier il-kontendenti. L-attur xehed li dan kien marid b'qalbu ghal madwar tletin (30) sena u f'dan mhux ikkontestat mill-konvenuti. L-istess attur jkompli jghid li fl-ahhar zmien ta' hajtu id-*decujus* ma kienx jista' jqum mis-sodda u li konsegwentement hu kien jiehu hsieb li jahslu u anke inaddaf il-hmieg meta missieru kien jipporga fis-sodda. F'dan huwa korroborat minn ohtu Teresa li kienet

tghix mal-missier. L-attur ukoll xehed li qabel dan l-ahhar perjodu huwa kien imur ghall-medicini li kien jehtieg il-missier jew mill-isptar jew mill-poliklinika, izda f'dan huwa kontradett minn hu il-konvenut Spiridione Farrugia li xehed li ghal zmien twil u cioe` bejn 1981 u l-1996 kien hu li kien imur ghal dawn il-pilloli.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u hija tal-fehma li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti ma hijiex korretta u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) Kif qalet l-ewwel Qorti x-xhieda ta' Teresa Farrugia hija l-aktar wahda li wiehed ghandu joqghod fuqha u dan billi kienet hi li tghix ma' missierha u taf ezattament x'kien qed jigri.

b) Teresa Farrugia ikkonfermat li missierha kien talabha sabiex it-tindif tal-hmieg meta huwa kien jipporga fis-sodda ma taghmlux hi izda l-attur u dan billi kien joqghod fil-vicin u kien ragel billi d-*decujus* kien jisthi li jitnaddaf minn mara.

c) L-istess attur xehed li huwa kien regolarment, ghal xi xahrejn qabel ma miet missieru, inaddfu ta' kull filghodu u jghaddi l-hwejjeg lil ohtu ghall-hasil.

d) Hadd mill-konvenuti ma allega li huma naddfu u haslu lill-missierhom, ghalkemm uhud minnhom kienu jirrendu certa servigi ohra lill-istess missierhom.

e) Il-konvenuti kienu jzuru lill-missierhom saltwarjament u f'hinijiet meta it-tindif ikun gja sar u ghalhekk ma jistghux jixhdu dak li qed ighidu l-attur u ohtu Teresa.

f) Il-fatt li t-tindif u tqandil kien isir mill-attur jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Lourdes Zahra li kienet gar tad-*decujus* u ripetutament kienet toffri lil Teresa Farrugia biex tghina izda din kienet tghidilha li ma kellhiex bzonn ta' ghajnuna billi l-attur kien jaghmel dak li hemm bzonn.

g) Huwa minnu li fl-ahhar ta’ hajtu sahhet id-*decujus* kienet marret ghall-ghar. Haga normali f’persuna ta’ eta` avvanzata li kienet ukoll tbati minn mard tal-qalb u artrite. Kien ghalhekk mistenni li missier il-kontendenti kien jqatta hafna zmien jekk mhux il-hin kollu fis-sodda u anke jipporga fis-sodda. Xi hadd ghalhekk kellu jiehu hsieb li jnaddfu u din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-mod kif xehdet Teresa Farrugia, li wara kollox kienet il-persuna li tiehu hsieb missierha regolarment.

h) Din il-Qorti ma tara xejn straordinarju jew suspettuz fir-registru li gie ezebit u dana minkejja li, kif osservat l-ewwel Qorti, hemm diversi pagni neqsin. Jekk wiehed jezamina dan ir-registru jinduna li dan huwa limitat ghar-registrazzjoni tal-introjtu li kien jaghmel id-*decujus* minn negozju tieghu bix-*charabanc*. Apparti dan, dawn r-registrazzjonijiet kollha jirreferu ghal zmien hafna qabel il-perjodu in kwistjoni u cioe` fl-1975 sal-1978. Din il-Qorti ma tarax li d-*decujus*, li jidher li kien metikoluz fid-dokumentazzjoni minnu mizmuma, kien inizzel f’dan ir-registru xi pagamenti, jekk saru, lil ibnu l-attur. Infatti mal-istess registru gie prezentat “*writing pad*” li jindika xi pagamenti li saru lil bintu Teresa fl-ammont ta’ tlett liri Maltin (LM3) u lill-attur fl-ammont ta’ disa’ lira Maltin (LM9). Jekk kellu jigi mistur xi haga kien dan id-dokument u mhux xi pagni mir-registru.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-attur jisthoqlu kumpens ta’ dak li ghamel ma’ missieru fl-ahhar xhur ta’ hajtu izda ebda kumpens ma ghandu jinghata ghall-gbir ta’ pilloli billi dan il-fatt huwa kontestat u ma jirrizultax car mill-provi.

Dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens li jisthoqlu l-attur din il-Qorti tosserva li l-perjodu in kwistjoni meta gew rezi dawn is-servigi huwa pjuttost qasir u li l-assi tad-*decujus* ma kienx wiehed kbir. Ghalhekk hija tal-fehma li, *arbitrio boni viri*, tigi likwidata s-somma ta’ sitt mija u hamsin Ewro (€650) bhala kumpens dovut lill-attur.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-attur qed jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed

tigi revokata billi qed jigi dikjarat li l-attur haqqu kumpens ghal servigi minnu rezi lill-mejjet John Mary Farrugia u dana fl-ammont ta' sitt mija u hamsin ewro (€650) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti, solidament bejniethom, ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mill-lum. L-ispejjez kollha fic-cirkostanzi, kemm dawk ta' l-ewwel istanza u dawk ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------